**MALTA**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2016

**Kawza numru:- 653/2013 AM**

**Numru fuq il-Lista:- 23**

**Fava Trading Limited (C-21368)**
**6, Maestro Giuseppe Camilleri Street,**
**Tal-Handaq,**
**Qormi**

**Vs**

**Central Catering Company Limited (C21368) ezercenti l-kummerc taht l-isem Tang Artech, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara**
**U**
**Mark Nurton (K.I.0311867M)**
**113, Ellsephra, Triq ir-Russett,**
**Kappara, San Gwann**

**It-Tribunal,**

Ra t-talbiet tas-Socjeta' attrici li permezz taghha talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara li l-intimati jew minn minnhom debituri fil-konfront tas-Socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erba` mija u hmistax-il ewro u hmistax-il centezmu (€415.15c) u konsegwentement jordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lis-Socjeta' rikorrenti s-somma ta' erba` mija u hmistax-il ewro u hmistax-il centezmu (€415.15c) bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta Central Catering Company Limited a fol 27 et li permezz taghha eccepiet li t-talbiet tas-Socjeta' attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn is-Socjeta' rikorrenti u s-Socjeta' intimata u li minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjez kontra s-Socjeta' attrici.

Ra s-sentenza a fol 31 li nghatat minn dan it-Tribunal fil-konfront tal-konvenut Mark Nurton li permezz taghha dan it-Tribunal, diversament presedut, laqa` t-talba tas-Socjeta' attrici kif dedotta fl-Avviz fir-rigward tal-konvenut Mark Nurton u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv.

Ra l-affidavit ta' Meldor Sammut a fol 40 salesman mal-kumpanija attrici, li l-ordnijiet kien jaghmilhom Mark Nurton li kienu jsiru fl-istabbilment bl-isem 'Tang' u li kull darba li kien jaqa` lura fil-pagamenti Mark Nurton dejjem kien jghidlu li l-hlas ser isir.

Ra l-affidavit ta' Alexandra Fava a fol 41 direttrici u azzjonista tas-Socjeta' attrici li kkonfermat li r-relazzjoni taghhom kienet ma' Mark Nurton u li mhux l-ewwel darba li kien imur ihallas wara. Dwar dok A u dok B a fol 42 et u fol 48 mal-affidvit taghha Fava xehdet li dok A hi ffirmata minn Mark Nurton filwaqt li dok B wahda ffirmathom certu 'Beckie' u l-ohrajn gew iffirmati minn Mark Nurton.

Ra d-dokumenti kollha prezentati mis-Socjeta' attrici.

Ra l-affiavit ta' Allan Mifsud a fol 64 Direttur tas-Socjeta' konvenut li spjega li l-kumpanija dahlet f'management agreement mal-konvenut l-iehor u biex jopera u jiggestixxi wahdu l-istabbiliment 'Tang' li jinsab Marsamxett u hekk gara. Is-Socjeta' konvenuta qatt ma kellha konnessjoni u qatt ma ghamlet negozju mas-Socjeta' attrici u lanqas huwa qua Direttur qatt ma ghamel ordnijiet jew ffirma purchase orders minghand l-istess Socjeta' attrici u l-kontro ezami tal-istess.

Semgha l-partijiet jitrattaw l-kawza fejn is-Socjeta' attrici tikkontendi li n-negozju sar mas-Socjeta' konvenuta u l-invoices ffirmhom Mark Nurton u c-cheque Dok AZ(2) prezentat mis-Socjeta' attrici fit-22 ta' April, 2016 juri dan filwaqt li s-Socjeta' konvenuta li diga nghatat sentenza kontra l-konvenut l-iehor Mark Nurton u li ghalhekk s-Socjeta' konvenuta ma tistax tinstab responsabbli ghax inkella thallas darbtejn.

Ikkunsidra

Li dwar l-ammont ta' sorte ma hemmx kontestazzjoni; li l-konvenut l-iehor Mark Nurton gie dikjarat responsabbli ghal tali hlas u nghatat sentenza kontra tieghu fil-mori tal-istess.

Illi konsiderazzjoni legali dwar l-eccezzjoni moghtija mis-Socjeta' konvenuta li hija ma ghandhiex relazzjoni guridika jinghad li gej:

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell (sede inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar, 2007 fl-ismijiet 'Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti'** jinghad li *"b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn* iz-zewg *partijiet in vistu ta' liema l-wiehed, kreditu ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbliazzjoni tieghu. obbligazzjoni din li tista '*

*tkun wahda kemm 'di dare' jew 'dif are' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jist ajkun wiehed f'sens stret tu jist ajkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha."*

It-Tribunal hawnhekk jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrii tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li skond l-attur holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit l-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi ghaliha. Jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jisntab li l-istes skonvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur li hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.'*

Tali mportanza ghal din is-sentenza huwa dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu, 2002 **fl-ismijiet Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael** fejn inghat li:

*"Meta negozju jkun gestit minn Socjeta' b'responsabilita limitata u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inwekwivoku lit-erzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali ndikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc relatati ma' akkwisti maghmula minnha fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni esprezza t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament l-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor l-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni. "*

Issa f'dan il-kaz li mill-atti minn imkien ma**s-**Socjeta' attrici rnexxielha tipprova li kien hemm relazzjoni guridika mas-Socjeta' konvenuta tant li anke l-kopja tac-cheque Dok AZ(2) turi li c-cheque nhareg minn Socjeta' ohra favur is-Socjeta' attrici u mhux mis-Socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni tas-Socjeta' konvenuta tirrizulta fondata.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jaqta` u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tas-Socjeta' attrici fil-konfront tas-Socjeta' konvenuta biss bl-ispejjez kontra l-istess Socjeta' attrici ghar-rigward dawn il-proceduri stante li l-proceduri kontra l-konvenut l-iehor Mark Nurton diga gew decizi permezz ta' sentenza li tinsab a fol 31 et tal-process bl-ispejjez ta' dawk il-proceduri kontra l-konvenut l-iehor Mark Nurton kif ddecieda dan it-Tribunal diversament presedut.

**Anna Mallia**

**Gudikant**